VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,582, 27 ta' Mejju, 2016
Taqsima B

A.L. 204 tal-2016

ATT DWAR IL-FINANZJAMENT TA' PARTITI POLITIĊI (KAP. 544)

Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Partiti Politiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 44(1) tal-Att dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Partiti Politiċi.

Formola ta' applikazzjoni biex jiġi reġistrat Partit Politiku. Kap. 544

2. L-applikazzjoni sabiex jiġi reġistrat partit politiku skont l-artikolu 14 tal-Att dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni Elettorali fil-formola stipulata fl-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA
FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI SABIEX JIĠI REĠISTRAT PARTIT POLITIKU SKONT IL-KAPITOLU 544 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA

LILL-KUMMISSJONI ELETTORALI

Jiena, ..., numru tal-Karta tal-identità ....., li preżentament nokkupa l-kariga ta' ..... fi ħdan il-Partit ....., permezz ta' din l-applikazzjoni, qiegħed napplika sabiex l-imsemmi Partit ikun irreġistrat skont il-Kapitolu 544 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qiegħed nehmeż ma' din l-applikazzjoni l-Istatut tal-Partit.*

Qiegħed b'din l-applikazzjoni ffirmata niddikjara:

L-intenzjoni ta' dan il-Partit sabiex jippreżenta kandidati għall-elezzjonijiet [Art. 14(a)];

Li ..... (*daħħal l-isem, il-kunjom u n-numru tal-Karta tal-Identità*) huwa l-Mexxej elett tal-Partit u li ..... (*daħħal l-isem,il-kunjom u n-numru tal-Karta tal-Identità*) huwa t-Teżorier elett tal-Partit [Art. 14(b)];

Li l-isem uffiċċjali tal-Partit huwa .....
[Art. 14(ċ)];

Li l-indirizz reġistrat tal-Partit huwa .....
.....
.....
[Art. 14(ċ)];

---

* L-Istatut irid ikollu d-dispożizzjonijiet elenkati fil-liġi – l-Artikoli: 4, 6, 7, 8, 9, 10 u 13.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Li l-indirizz postali tal-Partit huwa .....
.....
.....
[Art. 14(ċ)];

Li l-isem tal-uffiċċjal li jirrappreżenta lill-Partit b'mod ġudizzjali u legali huwa ..... (*daħħal l-isem, il-kunjom u n-numru tal-Karta tal-Identità*);

Li s-sena finanzjarja tal-Partit hija mill-..... tax-xahar ta' ..... sal-..... tax-xahar ta'.....; u

Li l-istatut huwa konformi fit-totalità tiegħu mar-rekwiżiti tal-liġi.

Qiegħed ukoll nagħżel li nitlob:

1. Ir-reġistrazzjoni tal-isem tal-Partit u l-Akronimu tiegħu sabiex jintużaw fuq il-formola tan-nomina tal-kandidati u fuq il-polza tal-vot (Art. 15):

   Isem tal-Partit: .....

   Akronimu: .....; u

2. Ir-reġistrazzjoni tal-emblema tal-Partit li tintuża fuq il-polza tal-vot (Art. 16).

Tintuża biex tehmeż kopja tal-emblema

Firma

Data